KUNSILL TAL-INFERMIERA U L-QWIEBEL

# RAPPORT ANNWALI GĦAS-SENA 2015

Il-Kunsill tal-Infermiera u l-Qwiebel, imwaqqaf u mmexxi skont il-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa tas-sena 2003, kien magħmul minn dawn il-membri: L-Avv. Simon Micallef Stafrace, is-Snra. Joyce Abela, is-Snra. Isabelle Aquilina, is-Sur Geoffrey Axiak, is-Sur Rudolph Cini, is-Snra. Thresanne Howland, is-Sur Alexander Manche', is-Sur John Mizzi, is-Sur Francis Ripard, is-Sur Jesmond Sharples, is-Snra. Marthese Spiteri u s-Snra. Astrid Zarb. Ir-Reġistratur wettaq wkoll id-dmirijiet ta' Segretarju tal-Kunsill. Ic-*Chairman*, l-Avv. Simon Micallef Stafrace irreżenja minn din il-kariga fi Frar 2015, u sa llum għadu ma ġiex appuntat *chairman* ieħor mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Matul din is-sena il-Kunsill tlaqqa' tlettax il-darba, fejn l-attendenza tal-membri kienet waħda regulari u fejn is-sedja ittieħdet mill-membri kollha separatament, fl-assenza tal-President.

Kumitati ohra, appuntati mill-Kunsill, tlaqqghu b'mod regolari matul is-sena. Dawn jinkludu:

- Il-Kumitat ta' Dixxiplina magħmul mis-Sur Rudolph Cini, is-Snra. Astrid Zarb u s-Sur-Frans Ripard bħala membri, tlaqqa' darbtejn.
- Il-Kumitat tal-Proficjenza fil-Lingua u l-Professjoni, magħmul mis-Sur Rudolph Cini, is-Snra Thresanne Howland, is-Sur Alexander Manche', is-Sur Mario Aquilina u s-Snra. Joyce Abela, bħala membri, tlaqqa' erba' darbiet.
- Il-Kumitat li Jivverifika l-Applikazzjonijiet tal-Infermiera, magħmul mis-Sur Alexander Manche', is-Sur Geoffrey Axiak u s-Sur John Mizzi bħala membri tlaqqa' tminn darbiet.
- Il-Kumitat li Jivverifika l-Appliklazzjonijiet tal-Qwiebel, magħmul mis-Snra. Thresanne Howland, is-Snra. Marthese Spiteri u s-Sur Jesmond Sharples bhala membri, tlaqqa' darbtejn.

Matul is-sena 2015, il-Kunsill approva r-reġistrazzjoni ta' mitejn u tmienja u għoxrin infermier/a, mitejn Maltin u għoxrin barranin. Matul l-istess perjodu, il-Kunsill approva sitta u tletin reġistrazzjoni temporanja. Għar-rigward il-qwiebel, il-Kunsill approva ħdax-il reġistrazzjoni.

Il-Kunsill iffinalizza il-proposta msejjħa *Framework for Nursing and Midwifery Specialisations*, matul l-ewwel parti tas-sena. Il-verżjoni finali ta' dan il-*framework* ġiet ippreżentata lill-awtoritajiet kompetenti għall-approvazzjoni.

Euchar Camilleri
REĠISTRATUR
Kunsill tal-Infermiera u l-Qwiebel